MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2006

Numru 172/2006

Il-Pulizija
(Sp Malcolm Spiteri)
vs
Mohammed Hakim Mehdi, iben
Mehdi, imwieled Tripoli, Libja
fil-15 ta' ottubru, 1974

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-7 ta' novembru, 2005 għal ħabta tal-5.30 p.m., ġewwa Divizjoni 6 tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja fil-perikolu ċar ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tal-priġunier Jonathan Attard liema offiża ġiet magħmula b'ferita fil-wiċċ ta' l-istess Jonathan Attard aggravat bil-fatt li sar b'arma ppuntata mingħajr liċenzja u dan kif iċċertifika Dr. A. Portelli miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;

2. talli żamm fil-pussess tiegħu arma regolari (xafra) mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;
3. talli sar reċidiv wara li ġie misjub ħati b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tinfliġġi l-piena marbuta ma dawn ir-reati, tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' marzu, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' marzu, 2006 fejn Jonathan Attard ħafer lill-imputat.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 216(b), 217, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------